



KESE info

Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
pont bejn l-UE u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili
Lulju 2016 | MT



EDITORJAL

“We shall overcome”

Qabel kollox, nixtieq nesprimi s-simpatija kbira tiegħi lejn il-miljuni ta' ċittadini Brittaniċi li xtaqu li pajjizzhom jibqgħu membru tal-Unjoni Ewropea. Huma fi ħsiebi. Se jkollhom jiffaċċjaw inkwiet kbir. Huwa

b'sens ta' dispjaċir kbir li nimmaġina li r-relazzjonijiet tagħna mar-Renju Unit se jaqgħu issa fil-kategorija “relazzjonijiet esterni” u li f'ġejjieni inċert, mhux se jkollna fostna l-kollegi kollha tagħna mir-Renju Unit.

Naturalment, fi hsbijiet hemm sħabi trejdjunjonisti li deliberatament hađu pożizzjoni fil-kampanja, iżda nemmen li dan kien impenn komuni għal parti kbira tas-soċjetà ċivili organizzata preċiżament peress li hija organizzata, fis-sens li ma tiġix influwenzata minn argumenti foloz, biex ma nsemmix gideb sfaċċat, u għaliex għandha s-sens ta' riflessjoni, ta' organizzazzjoni, ta' solidarjetà u tal-kollektiv.

Huma għandhom raġun: il-ġejjieni tal-Ewropa tinsab fil-paċi, il-ġustizzja, is-solidarjetà u l-fratellanza. Għal kulħadd. Għall-kontinent kollu tagħna kif ukoll il-gżejjer tiegħu, sakemm jasal il-jum li tiġi inkluża d-dinja kollha. F'xi ħin jew ieħor, neċessarjament, jerġa' jkollna Unjoni ta' kulħadd li anke testendi lil hinn minn hekk.

Dwar gideb, jien ninsab iddiżgustat ferm minħabba d-diżonestà li biha l-populisti ta' kull tip ressuq l-argumenti ta' erba' soldi mhux veritiera tagħhom biex iqanqlu r-rabja fost iċ-ċittadini l-inqas edukati, sa ma wiegħdu miżuri soċjali li allegaw ikunu possibbli mal-ħruġ mill-Unjoni, filwaqt li jafu sew li dawn il-wegħdiet huma bbażati fuq xejn u li huma stess mhux se jżommu l-kelma tagħhom. Ninsab profondament immikket mill-fatt li hija l-miżerja soċjali li qed tintuża bħala l-għodda ewlenija li qed tmexxi n-nies lejn il-ksenofobija u ċ-ċaħda tas-solidarjetà. Jeħtieġ li dan jieqaf. Naturalment, dan kollu qed isefh fil-pajjiżi kollha tagħna, mhux biss fir-Renju Unit.

Nittama li l-proverbju antik, krudili kemm hu krudili, jasal biex jagħmel sens għalina: οὐδὲν κακὸν ἀμύητος καλοῦ. Fi kliem ieħor, ma jeżisti xejn tant ħażin li ma fihx it-tajjeb. Din hija l-essenza tat-tama u aħna nehtigħu dik it-tama. Forsi kien meħtieġ li l-Ewropa tgħaddi minn din l-isfida kbira sabiex tibda ttwettaq dak li ili s-snin nitlobha inutilment biex tagħmel: li tkun iżjed apertament soċjali. Li tiegħu ħsieb iċ-ċittadini tagħna l-ewwel u qabel kollox, u li tinfirmahom dwar dan. B'mod ċar u apert u mhux bil-kiwet. Nittama biss li ma tistennix sfida oħra bħal din biex tiddeċiedi u li tbat i f'it kemm jista' jkun – u għall-iqas żmien possibbli – bħala riżultat ta' dan.

Spiss għedt li l-proġett Ewropew huwa proġett ġeneruż, intelliġenti u nobbli. Spiss għedt li għandna nsemmu l-kuraġġ tal-irġiel u n-nisa li taw bidu għalih, wara gwerra katastrofika u reati mostrużi li oriġinaw mill-egoiżmu, ir-rażziżmu, il-mibegħda, il-krudeltà u l-estremiżmu. Huma kelliem is-sens li jibdeu dan il-proċess permezz tal-faħam u l-azzar, permezz tal-aspett ekonomiku, filwaqt li kelliem lemħa ta' xi ħaġa haħna ikbar u t-twaqqif ta' struttura għal konsultazzjoni soċjali li wasslet għall-istabbiliment tal-Kumitat tagħna. Ninsab konvint li issa rridu, urġentement, nerġgħu lura għall-prinċipji fundamentali li fuqhom huwa msejjes il-proġett, u li huma mħaddna fit-trattati tagħna. Din mhijex viżjoni nostalġika li tħares lura – dawn huma l-prinċipji fundaturi għall-ġejjieni, l-uniċi li jistgħu joħorġuna minn din is-sitwazzjoni mqallba. L-unika ħaġa li nibdel kieku f'dal-mument hija kif nagħmlu evidenti l-prijoritajiet tagħna. Sabiex nikkumbattu l-populiżmu, sabiex nindirizzaw is-sens ta' frustrazzjoni tal-popolazzjoni l-iktar vulnerabbli fil-pajjiżi tagħna, issa jeħtieġ li l-aspetti soċjali jitqiegħdu fuq quddiem nett. Serrħu moħħkom: dażgur dan ma jfissirx li l-lat ekonomiku jiġi traskurat. Il-Kumitat tagħna stess irid jibqgħu daqstant ekonomiku kif ukoll soċjali.

Għidit mingħajr tlaqliq li dan ir-referendum kien l-idea żbaljata fi żmien ħażin, u b'mod inevitabbli kien se jwessa' l-qasma soċjali terribbli f'wieħed mill-pajjiżi tagħna. Fil-fatt, għedt dan bl-Ingliż peress li kont qed niggi kkwotat f'pubblikazzjoni ta' organizzazzjoni Brittaniċa irrappreżentata fil-Kumitat tagħna. Kien ikun haħna iżjed onest – u x'aktarx anke iżjed intelliġenti – għall-mexxejja Brittaniċi, li kieku minflok lagħbu dik il-karta partikolari filwaqt li komplew iwaqqfu l-progress fl-Unjoni u jinneogzjaw derogi ta' kull tip, kienu bdew jaħdmu biex isaħħu s-solidarjetà fl-Unjoni u jagħmluha iżjed soċjali.

Issa huwa fuq spallejn il-mexxejja Brittaniċi li jesegwixxu l-mandat li l-poplu tagħhom tahom, u għandhom jagħmlu dan malajr, inkella mhux biss insibu ruħna f'inċertezza perikoluża, iżda tinħoloq sitwazzjoni li tmur favur l-avvultuni fil-pajjiżi kollha tagħna li inevitabbilment se jgħidu li n-nuqqas ta' rispettt tar-riżultati tar-referendum huwa minħabba kollużjoni bejn il-klassi politika nazzjonali u l-elitisti ewrokratiċi, jgħidu x'għidu l-Parlament, il-Kunsill u l-Kummissjoni.

Fi kwalunkwe każ ħaġa waħda trid tkun ċara: filwaqt li nistennu l-implimentazzjoni ta' dan il-mandat, matul il-perjodu ta' assenza jew wara ritorn fl-Unjoni, qatt iżjed ma rridu naraw rikatt permanenti, ikun xi jkun, li jservi ta' sabutaġġ tal-progress tal-Unjoni lejn solidarjetà soċjali u reġjonali jew lejn effiċjenza ekonomika u finanzjarja.

“We shall overcome”.

Georges Dassis
Il-President tal-KESE

Il-qsim irregolari mhux ser jieqaf – Rapport tal-KESE dwar ir-refuġjati fit-Turkija

Fil-qafas tal-missjonijiet ta' ġbir tal-fatti dwar il-migranti u r-refuġjati (ara l-ħarġa tal-KESE Info ta' April), il-KESE rrappreżentat minn Manthos Mavrommatis (Grupp ta' Min Iħaddem), Jose Antonio Moreno Díaz (Grupp tal-Ħaddiema) u Panagiotis Gkofas (Grupp ta' Interessi Varji), wettaq missjoni ta' tlett ijiem fit-Turkija (9-11 ta' Marzu) biex jiltaqa' mal-awtoritajiet u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili (OSĊ) li jaħdmu mal-migranti. Ir-rapport tal-missjoni tal-KESE fih 13-il rakkomandazzjoni prattika biex tiġi indirizzata s-sitwazzjoni attwali. Skont ir-rapport, il-qsim irregolari mhux ser jieqaf sakemm il-gwerra fis-Sirja tibqgħu għaddeja. Il-protezzjoni ta' persuni li jfittxu l-protezzjoni hija punt ewleni ta' tħassib li jappella għal approċċ tal-UE bbażat fuq id-drittijiet fil-konklużjoni ta' ftehim mat-Turkija jew kwalunkwe pajjiż terz. Ir-rapport inkluda wkoll il-konklużjonijiet li ġejjin:

- **L-istatus tat-Turkija bħala pajjiż terz bla periklu:** diversi OSĊ għandhom dubju dwar jekk it-Turkija tistax titqies bħala tali, peress li haħna persuni li jeħtieġu protezzjoni internazzjonali ġew deportati lejn pajjizzhom minkejja r-riskji għal ħajjithom.
- **Ftit possibbiltajiet ta' integrazzjoni.** Il-limitazzjoni ġeografika tat-Turkija għall-Konvenzjoni ta' Ġinevra tisser li s-Sirjani jistgħu jiksbu biss protezzjoni temporanja u nazzjonalitajiet oħra jistgħu japplikaw biss għal protezzjoni sus-sidjarja għal raġunijiet umanitarji. L-integrazzjoni fil-forza tax-xogħol u r-riunifikazzjoni tal-familji għandhom problema.
- **Drittijiet soċjali limitati għar-refuġjati.** Ir-refuġjati ma jistgħux japplikaw għal permess

tax-xogħol u jiddependu fuq min iħaddem, li ma għandhom l-ebda inċentiv biex iħaddmuhom billi l-lijgi Torka tisfurzahom jimpjegaw għadd ta' Torok għal kull barrani li jimpjegaw. Dawk mhux Sirjani jkollhom jgħixu fi “Bliet satellita”, li jirrestrinġu l-libertà ta' moviment u l-opportunitajiet ta' impjeg tagħhom. Il-parti l-kbira tat-tfal refuġjati li jgħixu barra l-kampijiet jitolqu mill-iskola biex jaħdmu.

- **Il-ġlieda kontra l-kuntrabandu hija limitata.** Għalkemm l-għadd ta' uffċjali, bastimenti u tagħmir disponibbli kontra l-kuntrabandu żdied, ir-rata ta' kundanna hija baxxa haħna.

Ir-rapport sħiħ huwa disponibbli bl-Ingliż fuq: <http://www.eesc.europa.eu/?i=portal.en.refugee-crisis-mission-reports>.

Gwardja tal-fruntiera tal-UE: id-dritt għal intervent u l-ħtieġa tal-prijorità għad-drittijiet fundamentali

It-titjib tal-ġestjoni tal-fruntieri esterni tal-UE ma għadux sempliċement għan, huwa imperattiv urġenti, skont Opinjoni tal-KESE adottata fis-sessjoni plenarja ta' Mejju tal-KESE (relatur: is-Sur Giuseppe Iuliano u korelatur: is-Sur Cristian Pîrvolescu). Iżda dan m'għandux isir għad-detriment tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem, b'mod partikolari d-dritt għall-asil u d-dritt ta' moviment liberu għaċ-ċittadini tal-UE.



© FRONTEx 2016

Forma ġdida ta' ġestjoni tal-fruntieri għandha tissawwar u timxi id f'id ma' trasformazzjoni tal-Aġenzija Frontex fi

“Gwardja tal-Fruntieri Ewropej”, simili għal forza tal-pulizija ċivili. Din l-aġenzija għandu jkollha d-dritt li, fuq deċiżjoni tal-Kummissjoni, tintervjeni f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza. Fil-fehma tal-KESE, dan l-intervent għandu jkun strettament limitat għal emerġenzi definiti sew u għandu jinkludi dmir li tirrapporta u tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill tal-UE.

>>> paġna 2

KESE: L-impatt tar-relazzjonijiet ta' impjeg ġodda għandhom jiġu vvalutati b'mod sħiħ

Il-forom ġodda ta' kuntratti u ta' relazzjonijiet ta' impjeg, inklużi kuntratti ta' zero sigħat, xogħlijiet zġhar u xogħol permezz ta' intermedjarji onlajn, infirxu ma' kullimkien minħabba l-kriżi finanzjarja. Filwaqt li l-innovazzjoni u l-kreattività għandhom jiġu mħeġġa, il-forom ġodda ta' relazzjonijiet ta' impjeg żiedu wkoll l-incertezzu għal haħna ħaddiema. Dan wassal għal suq tax-xogħol inugwali, qal il-KESE fl-opinjoni tiegħu li adotta fis-sessjoni plenarja ta' Mejju (relatur: is-Sinjura Kathleen Walker Shaw).

Għall-KESE, l-impatt reali ta' dawn ir-relazzjonijiet ta' impjeg ġodda fuq l-istandards tax-xogħol, is-sistemi tas-sigurtà soċjali u l-paga għall-għajxien għandu

jiġi vvalutat u indirizzat sew. Il-mudelli ta' servizzi soċjali għandhom jiġu adattati wkoll biex ikopru forum ta' impjeg li mhumiex standard. Dawn il-kwistjonijiet għandhom jitqiesu fl-iżvilupp tal-Pilastru tal-UE tad-Drittijiet Soċjali.

Għarfien aħjar dwar in-natura li tinbidel tax-xogħol u tar-relazzjonijiet ta' impjeg għandu jwassal għal politika tal-UE dwar l-impjegji aktar effettiva. Pereżempju, il-KESE jemmen li t-taħriġ tul il-ħajja, it-taħriġ mill-ġdid u t-titjib tal-hilietgħandu jsir prijorità biex jiġi żgurat li l-ħaddiema kollha jkunu f'pożizzjoni li jiksbu impjeg fil-post tax-xogħol globalizzat b'teknoloġija għolja.

Tinħtieġ ukoll aktar riċerka sabiex jiġu identifikati l-gruppi vulnerabbli u biex jiġu indirizzati kwistjonijiet relatati ma' responsabbiltà għal inċidenti, danni u nuqqasijiet ta' servizzi b'rabta mal-pjattaformi onlajn, il-crowdsourcing u forum oħra ġodda ta' impjeg indipendenti.

L-involvement tas-soċjetà ċivili u tal-imsieħba soċjali huwa kruċjali biex il-Kummissjoni Ewropea timplimenta dispożizzjonijiet adatti li jiproteġu lill-ħaddiema u anke lil min iħaddem.



Ikompli ma' paġna 1

Gwardja tal-fruntiera tal-UE: id-dritt għal intervent u l-ħtieġa tal-prijorità għad-drittijiet fundamentali

Madankollu, il-KESE ma jappoġġax il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea li tistabbilixxi kontrolli sistematiċi taċ-ċittadini tal-UE fuq il-fruntieri esterni tal-UE, peress li din taffettwa b'mod drammatiku d-dritt fundamentali għall-moviment ħieles.

Il-KESE huwa partikolarment allarmat bil-qagħda mwieġħra ta' eluf ta' minorenni mhux akkumpanjati abbandunati u mhux protetti. Huwa jitlob lill-Kummissjoni biex tadotta b'urġenza miżuri protettivi u lill-awtoritajiet tal-fruntieri attwali biex jaqdu l-obbligu tagħhom ta' assistenza.

ĠRANET TAS-SOĊJETÀ ĊIVILI 2016: Djalogu u solidarjetà f'livell tal-UE huma essenzjali għal Ewropa prospera u paċifika

Rappreżentanti minn organizzazzjonijiet u netwerks Ewropej tas-soċjetà ċivili nġabru fi Brussell fil-31 ta' Mejju u l-1 ta' Ġunju għall-avveniment **Ġranet tas-Soċjetà Ċivili 2016**, organizzat mill-KESE. Il-mira ewlenija tad-diskussjonijiet kienet il-migrazzjoni, bl-isfidi/bil-bidliet li din tinvolve għas-soċjetà Ewropea.

"Il-mobilizzazzjoni ċivili għandha s-saħħa li tiddel id-direzzjoni tal-istorja. Ir-rwol vitali li l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili qdew f'din l-aħħar kriżi tal-migrazzjoni huwa prova ta' dak li huwa possibbli bl-appoġġ taċ-ċittadini", qal **George Dassis**.

Gesine Schwan hija tal-istess fehma: "In-nies u ċ-ċittadini fl-Ewropa huma ħafna aktar miftuħin u ġusti milli l-gvernijiet Ewropej iriduna nemmnu. Biex nevitaw li mmorru lura taħt il-pessjoni tal-forzi tal-lemin u biex ma nħallux li s-solidarjetà fl-Ewropa tintilef jeħtieġ li nimpjenaw ruħna fi djalogu soċjali u għandna bżonn ta' moviment demokratiku, li jinvolve kemm il-muniċipalitajiet lokali kif ukoll l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili".

Il-parteċipanti ddiskutew aspetti varji tal-migrazzjoni: iż-żgħirażgħira u l-edukazzjoni, l-integrazzjoni soċjali, il-qerda tal-kawżi tal-migrazzjoni, l-għajxien flimkien jew parallel fis-soċjetajiet u l-libertà tal-moviment fi ħdan l-UE.

PREMJU TAS-SOĊJETÀ ĊIVILI 2016

Il-KESE ser jipprema l-aqwa inizjattivi dwar il-migrazzjoni

Il-Premju tal-KESE għas-Soċjetà Ċivili 2016 ser jipprema inizjattivi mwettqa minn organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u/jew individwi u li għandhom l-għan li jteju l-ħajjet il-migranti u li jrawmu l-integrazzjoni tagħhom fis-soċjetà u b'hekk jippromovu l-valuri Ewropej u l-koeżjoni.

B'mod aktar speċifiku, il-Premju ser jipprema inizjattivi li diġà ġew implimentati jew li għandhom għaddejjin u li jissodisfaw wieħed jew aktar mill-kriterji li ġejjin:

- Jipprovdur lill-migranti/lir-refuġjati bl-ewwel rispons u għajnunha immedjata;
- Jipprovdur appoġġ soċjali, akkomodazzjoni u servizzi tas-saħħa;
- Joffru appoġġ prattiku u konsulenza;
- Jiġġieldu kontra l-ksenofobija, ir-razziżmu u d-diskriminazzjoni;
- Jiġġieldu l-isfruttament u jippromovu r-rispett reċiproku;
- Jissensibilizzaw dwar id-drittijiet u l-obbligi;
- Jipprovdur taħriġ għal ċittadini ta' pajjiżi terzi u l-komunitajiet li jilqgħuhom.

Il-lista sħiħa ta' rekwiżiti u l-formola tal-applikazzjoni huma disponibbli fuq is-sit tal-internet tal-KESE - Premju tal-KESE għas-Soċjetà Ċivili 2016. L-applikazzjonijiet tal-kandidati għall-Premju tas-Soċjetà Ċivili għandhom jintbagħtu direttament lill-KESE.

Dan il-premju, li għandu valur totali ta' EUR 50 000 u li ser jingħata fil-15 ta' Diċembru 2016, huwa miftuħ għal organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili reġistrati uffiċjalment fi ħdan l-Unjoni Ewropea, u li jaġixxu fil-livell Ewropew, nazzjonali, reġjonali jew lokali. Huwa miftuħ ukoll għal individwi.

L-iskadenza għat-tressiq tal-applikazzjonijiet hija d-9 ta' Settembru 2016.



DALWAQT FIL-KESE



Yaro M. Kupčo: Riflessjonijiet mis-Slovakkja 13.7 - 16.9. 2016, Bini JDE, Foyer 6

Fl-okkażjoni tal-bidu tal-Presidenza Slovakka tal-UE, il-KESE ser jorganizza wirja tar-ritratti tas-**Sur Yaro M. Kupčo**, artist-fotografu Slovak. Huwa juża biss kameras tradizzjonali biex jiġbed immaġni kemm ta' natura mejta kif ukoll ta' veduti panoramiċi li mbagħad jingħataw kulur kannella sepa u jiżżewqu b'dehub pur.

Il-wirja hija organizzata bil-kooperazzjoni tar-Rappreżentanza Permanenti Slovakka għall-UE u tal-assoċjazzjoni "Slovaks in Luxembourg". Il-wirja ser tinfeṭta fit-13 ta' Lulju fis-7 p.m. mis-**Sur Ivan Korčok**, Segretarju tal-Istat għall-Affarijiet Barranin u tal-UE tas-Slovakkja. **Róbert Ragan Junior** u **Martin Uherek** ser ikunu qed jakkumpanjaw mużikament.

Il-KESE: leħen influwenti fit-tfassil tal-ġejjieni tal-politika urbana tal-UE

Il-ministri tal-UE responsabbli għal kwistjonijiet urbani ltaqgħu f'Amsterdam fit-30 ta' Mejju 2016 biex jadottaw l-Aġenda Urbana tal-UE l-għdida. Il-KESE kien irrappreżentat minn Joost van Iersel, il-President tas-Sezzjoni ECO tal-KESE, u Roman Haken, ir-relatur tal-opinjoni dwar il-futur tal-Aġenda Urbana tal-UE kif jidher mill-perspettiva tas-soċjetà ċivili. L-attenzjoni tagħhom irrappreżentat il-kontinwazzjoni tar-rwol ċentrali tal-KESE fit-tfassil tal-aġenda urbana tal-UE.

L-aġenda urbana tal-UE għandha l-għan li tistabbilixxi forma għdida ta' kooperazzjoni f'diversi livelli bejn l-Istati Membri, ir-reġjuni, ir-rappreżentanti tal-awtoritajiet urbani, il-Kummissjoni Ewropea, il-Parlament Ewropej, l-entitajiet konsultattivi tal-UE (il-KESE u l-KtR), il-BEI u atturi rilevanti oħra sabiex tissaħħa id-dimensjoni urbana tal-politika tal-UE. L-aġenda hija mfassla biex tistimula l-innovazzjoni u t-tkabbir u b'hekk ser tinfluwenza direttament il-ħajja ta-80% taċ-ċittadini tal-UE li ser ikunu qed jgħixu fil-bliet - kbar u żgħir - sal-2050.



© Shutterstock - Khakimulin Aleksandr

Il-KESE rnexxieli jikseb ir-rikonoxximent tal-bliet bħala msieħba importanti fl-integrazzjoni Ewropea, għar-rikonoxximent tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili bħala ndaq fl-implimentazzjoni tal-Aġenda Urbana l-għdida u għal sħubijiet pubbliċi-privati bħala mudelli għall-finanzjament ta' proġetti urbani.

L-ekonomija kollaborattiva twieġhed ħafna benefiċċji iżda għandha tiġi regolata sabiex tiġi żgurata l-fiduċja

Globalment, il-volum tal-kummerċ fl-ekonomija kollaborattiva huwa stmat għal madwar EUR 17.8 biljun, bi preżizzjoni ta' tkabbir annwali rapidu sal-2025. B'reazzjoni għal talba mingħand il-Presidenza Netherlandiża, il-KESE vvota favur opinjoni dwar l-ekonomija kollaborattiva u l-awto-regolazzjoni li tistieden lill-UE biex tiddefinixxi "b'mod urġenti qafas legali ċar u trasparenti li fi ħdanu dawn l-attivitajiet għandhom jiġu żviluppati u implimentati fiż-żona Ewropea".

Mudelli ta' negozju ġodda, bħall-ekonomija kollaborattiva, iġibu magħhom kwistjonijiet regolatorji li jridu jiġu indirizzati jekk irridu li jkun hemm benefiċċji soċjali. B'mod partikolari, dawn għandhom jikkonformaw

mal-leġislażzjoni nazzjonali u dik tal-UE. Fost il-kwistjonijiet ewlenin insibu d-drittijiet tal-ħaddiema, tas-sazzjoni adatta, il-protezzjoni tad-data u kwistjonijiet ta' privatezza, id-drittijiet soċjali, kompetizzjoni ġusta u l-ġlieda kontra l-monopolji u l-prattiki antikompetittivi. Jeħtieġ li l-firxa tal-iskambji li jsiru tul il-pjattaformi maħluqa biex jiffaċilitaw l-ekonomija kollaborattiva tiġi eżaminata mill-qrib.

L-opinjoni titlob ukoll li jitħarsu d-drittijiet tal-imsieħba kollha li joperaw fl-ekonomija kollaborattiva, inklużi l-prosumaturi (produtturi konsumaturi). Il-KESE jstieden lill-Kummissjoni biex tippubblika mingħajr dewmien l-Aġenda Ewropea għall-Ekonomija Kollaborattiva li tant ilha mistennija.

Il-President tal-Kunsill Ekonomiku, Soċjali u Ambjentali ta' Franza fis-sessjoni plenarja tal-KESE

Fis-26 ta' Mejju li għadda Patrick Bernasconi, President tal-Kunsill Ekonomiku, Soċjali u Ambjentali ta' Franza, għamel diskors fil-KESE dwar "Il-kunsilli ekonomiċi u soċjali fil-konfront tal-istennijiet

tas-soċjetà ċivili Ewropea" u ħa sehem fid-dibattiti tal-kunsillieri Ewropej dwar din il-kwistjoni ta' importanza fundamentali għaċ-ċittadini Ewropej u dawk li jirrappreżentaw l-organizzazzjonijiet tagħhom fil-livelli kollha.



Georges Dassis, President tal-KESE u Patrick Bernasconi, President tal-Kunsill Ekonomiku, Soċjali u Ambjentali ta' Franza

"F'kuntast ta' kriżi fl-Ewropa, ikkaratterizzata minn nuqqas kbir ta' fiduċja min-naħa taċ-ċittadini fil-konfront tal-klassi politika, il-kunsilli ekonomiċi, soċjali u ambjentali għandhom rwol kruċjali x'jaqdu, fil-qalba tad-djalogu ċiviku u tad-dibattitu demokratiku, kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll Ewropew" qal is-Sur Georges Dassis fis-sessjoni plenarja.

"Huwa essenzjali li nsaħħu d-djalogu u l-kooperazzjoni bejn iż-żewġ assembleji tagħna, peress li s-suġġetti fil-qalba tal-ħajja taċ-ċittadini li qed naħdmu fuqhom fil-qasam soċjali, ekonomiku u ambjentali jiġu riflessi b'mod sistematiku fil-livell Ewropew u anke dak internazzjonali", qal bi pjaċir is-Sur Patrick Bernasconi.

Tespandi l-kooperazzjoni bejn il-KESE u l-KESA


Nhar il-15 ta' Ġunju 2016, il-KESE laqa' delegazzjoni tal-Kunsill Ekonomiku, Soċjali u Ambjentali (KESA) ta' Franza, fil-kuntast ta' skambju ta' informazzjoni dwar it-trasport u l-enerġija, l-affarijiet barranin u Orizzont 2020.

Il-laqgħa kienet parti mill-approfondiment tar-relazzjonijiet ta' ħidma taż-żewġ istituzzjonijiet mixtieqa mis-Sur Georges Dassis, President tal-KESE u s-Sur Patrick Bernasconi, President tal-KESA ta' Franza.

Min-naħa tal-KESE, għal-laqgħa attendew l-Unità tar-Relazzjonijiet Interistituzzjonali u r-relazzjonijiet mal-KES nazzjonali (REL), is-Sur Pierre-Jean Coulon, President tas-Sezzjoni TEN, is-Sur José-María Zufaur Narvaiza u s-Sur Jonathan Peel, Viċi Presidenti tas-Sezzjoni REX, kif ukoll is-Sur Etele Baráth, President tal-Kumitat ta' Tmexxija Ewropa 2020, Kien hemm dibattitu fit-tul mal-membri tad-delegazzjoni Franċiża mmexxija mis-Sur Jean-Marie Cambacères, President tas-Sezzjoni tal-Affarijiet Ewropej u Internazzjonali tal-KESA ta' Franza.

L-atturi soċjoekonomiċi ser ikollhom rwol ewlieni wara Cotonou

Hemm bżonn ta' sħubija UE-AKP ġdida li tqiegħed lis-soċjetà ċivili fuq quddiem nett



Georges Dassis, President tal-KESE ma' Joseph Chilengi, uffiċjal li jippresjedi l-ECOSOC tal-Għaqda Afrikana, u l-Kummissarju Neven Mimica

Il-plenarja tal-KESE ta' Mejjju rressqet rakkoman-dazzjonijiet għat-tfassil mill-ġdid tal-mekkaniżmi dwar il-kummerċ, l-għajjuna u l-iżvilupp tal-UE biex isiru aktar effettivi fl-indirizzar tal-isfidi attwali u futuri fir-relazzjonijiet mal-pajjiżi Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku (il-Pajjiżi AKP). Dawn

ir-rakkmandazzjonijiet ser jiġu integrati f'qafas ġdid li għandu jissostitwixxi l-Ftehim ta' Sħubija ta' Cotonou, li jiskadi fl-2020.

Sabiex ikunu implimentati b'mod effettiv l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU u jinkisbu riżultati aħjar għaċ-ċittadini kemm tal-AKP kif ukoll tal-UE, il-KESE jitolb qafas ġdid li jirrikonoxxi l-importanza tal-parteċipazzjoni tas-soċjetà ċivili fil-proċess tal-iżvilupp. Il-KESE jemmen li r-rwol tas-soċjetà ċivili għandu jiġi estiż ukoll għall-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-impatt tal-implimentazzjoni tal-Ftehim futur, u din għandha tirċievi l-appoġġ finanzjarju meħtieġ.

Id-dibattitu tal-KESE mas-Sur Joseph Chilengi, uffiċjal li jippresjedi ECOSOC tal-Għaqda Afrikana, u mal-Kummissarju Neven Mimica ddiskuta l-prijorità li l-UE tagħti lill-pajjiżi AKP u l-ħtieġa għal bidla tal-paradigma minn negozjati għal djalogu, minħabba l-universalità tal-isfidi madwar l-UE u l-AKP.

Il-KESE jippreżenta l-istrateġija tiegħu biex l-UE ssir ġara aħjar

Reviżjoni urġenti hija meħtieġa biex jiġi żgurat li l-Politika Ewropea tal-Viċinat (PEV) tkun għodda effettiva għal kooperazzjoni transkonfinali. Il-PEV tnediet fl-2004 biex tibni fuq interessi u valuri komuni mal-ġirien tal-UE tan-Nofsinar u tal-Lvant u tippromovi kooperazzjoni politika u ekonomika, iżda l-approċċ tagħha ta' "soluzzjoni waħda għal kulħadd" ma kinitx kapaċi tirrappreżenta jew tittratta l-frammentazzjoni attwali fiż-żewġ reġjuni.

Fl-Opinjoni tiegħu dwar ir-reviżjoni proposta tal-Kummissjoni tal-PEV, adottata fis-sessjoni plenarja ta' Mejjju, il-KESE jitolb għal approċċ aktar proattiv u dinamiku li jiffoka fuq l-istabilità reġjonali u djalogu soċjali u ċivili akbar. "Huwa minnu li l-UE kienet ikkonfrontata bi żviluppi problematiċi u xi drabi drammatiċi kemm fil-Viċinat tan-Nofsinar kif ukoll f'dak tal-Lvant. Madankollu, nuqqas ta' viżjoni ma jgħinx sabiex jingħeleb l-imblokk. Nissuġġerixxu li tiġi definita aġenda tal-PEV ġdida, ambizzjuża, dinamika, inkluża l-prospettiva ta' adeżjoni mal-UE għal xi pajjiżi msieħba li għandhom dawn l-aspirazzjonijiet u huma kapaċi u lesti li jissodisfaw ir-rekwiżiti," qal ir-relatur tal-KESE, Andrzej Adamczyk.

"Tama għall-Ewropa! Kultura, bliet u narrattivi ġodda":

il-kultura bħala r-4 pilastru tal-Iżvilupp Sostenibbli



President tal-Grupp ta' Interessi Varji tal-KESE waqt il-konferenza "Tama għall-Ewropa! Kultura, bliet u narrattivi ġodda"

Mill-Grupp ta' Interessi Varji

Fl-20 u l-21 ta' Ġunju, il-Grupp ta' Interessi Varji tal-KESE organizza konferenza bl-isem "Tama għall-Ewropa! Kultura, bliet u narrattivi ġodda", organizza ta' sħab ma' Bozar u l-Kumitat għall-Edukazzjoni u l-Kultura tal-Parlament Ewropew.

Il-konferenza laqqgħat madwar 200 parteċipant u enfasizzat il-potenzjal enormi tal-kultura biex issir strument ta' konsolidazzjoni u mmobilizzazzjoni fl-Ewropa. Fi żmien meta l-estremiżmu qed jżied mingħajr waqfien, fi żmien meta ċ-ċittadini tagħna qegħdin jiddubitaw dejjem iktar mill-identità komuni tagħhom sa mill-1945, issa huwa l-mument biex il-kultura u l-politiki kulturali jittqegħdu fil-qalba tal-aġenda politika Ewropea, li ninvestu fis-settur u nappoġġjaw l-għadd kbir ta' atturi involuti fil-governanza kulturali. Issa huwa ż-żmien biex ninkludu l-kultura bħala strument ta' setgħa ta' perswazzjoni fir-Relazzjonijiet Barranin tal-Ewropa u nipromovu l-kultura bħala r-4 pilastru tal-Iżvilupp Sostenibbli.

F'dan il-kuntest, ġie kkummissjonat studju mill-Grupp ta' Interessi Varji li kien ippreżentat matul din il-konferenza. Hemm dawn il-mistoqsijiet fil-qalba ta' dan l-istudju: il-Kultura tista' tgħini negħlbu l-kriżijiet ta' identità, sistemiċi u politiċi li bħalissa qed jheddu l-UE? Liema rwol jistgħu jaqdu l-Kultura u l-Bliet fit-tisħiħ tal-koeżjoni soċjali u territorjali, sabiex jinvolvu ruħhom fi djalogu u l-bini ta' fiduċja fis-soċjetajiet kumplessa tagħna? Il-Kultura tista' toħloq Tama, Narrattivi Ġodda u t-tieni Rinaxximent għall-Ewropa?

Kif ikkonkluda s-Sur Luca Jahier, President tal-Grupp ta' Interessi Varji, għandna bżonn ta' narrattiva ġdida u b'saħħitha għall-Ewropa li kapaċi tiddel il-ġejjieni tagħna. Il-Kultura tista' tgħini biex toħloq it-tama li neħtieġu għall-futur tagħna, għal żvilupp sostenibbli u progress fil-kontinent tagħna, u għal narrattiva li hija konvinċenti u ta' ispirazzjoni għalina lkoll!

Ir-Round Table UE-Ċina tirriżulta f'dikjarazzjoni konġunta dwar l-innovazzjoni, l-iżvilupp rurali, "Belt Waħda, Triq Waħda", u l-investment

L-14-il laqgħa tar-Round Table bejn l-UE u ċ-Ċina, ospitata mill-KESE fit-18 u d-19 ta' Mejjju, irrikonoxxiet li l-għanijiet ta' Ewropa 2020 u t-13-il Pjan ta' Ħames Snin taċ-Ċina huma kompatibbli. Il-parteċipanti qablu li l-istrateġija tal-iżvilupp "Belt Waħda, Triq Waħda" trid tiġi ttrasformata f'realtà aktar tanġibbli u komprensibbli għall-partijiet kollha, inkluża s-soċjetà ċivili. Il-laqgħa ffukat ukoll fuq l-innovazzjoni u l-iżvilupp ekonomiku

fiż-żoni rurali, flimkien mal-infrastruttura, l-investment u t-tnedija ta' Bank Ażjatiku tal-Investment fl-Infrastruttura.

Georges Dassis, il-President tal-KESE, innota li: "Ir-relazzjoni bejn iż-żewġ reġjuni kibret u żviluppat, u bl-istess mod ir-relazzjonijiet bejn il-KESE u l-Kunsill Ekonomiku u Soċjali taċ-Ċina. L-esperjenzi komuni tagħna jikkontribwixxu

għal żvilupp ibbilanċjat u infurmat tar-relazzjoni ġenerali".

L-Ambaxxatur Ċiniż, Yang Yani, qal: "Ix-xogħol li sar miż-żewġ soċjetajiet biex jirrifomaw u jiżviluppaw l-ekonomiji tagħna jimxi id f'id. Għalhekk aħna nilqgħu l-isforzi li saru miż-żewġ naħat illum biex iġibu flimkien l-għarfien espert dwar dawn it-temi importanti".

"L-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jikkontribwixxu għall-kisba tal-Aġenda Strateġika 2020 bejn l-UE u ċ-Ċina għall-Kooperazzjoni, għal-leggittimità tal-istituzzjonijiet pubbliċi, u għalhekk għal legislażjoni aħjar", żied jgħid Gunnar Wiegand, id-Direttur Maniġerjali għall-Ażja tas-SEAE.

L-ixprunar tal-innovazzjoni u l-industrija fl-Ewropa

Mill-Grupp ta' Min Iħaddem

In-negozju, l-industrija u l-akkademja – rabtiet iktar stretti huma ta' benefiċċju għal kulħadd u hemm għadd ta' fatturi li jistgħu jixprunaw l-innovazzjoni: din kienet il-konklużjoni tal-parteċipanti fis-seminar dwar *L-ixprunar tal-innovazzjoni u l-industrija fl-Ewropa*, li sar fis-16 ta' Ġunju f'Cambridge fir-Renju Unit. Rappreżentanti mid-dinja akkademika u minn kumpaniji innovattivi tat-teknoloġija avvanzata ppruwaw jidentifikaw x'inhu meħtieġ biex tingħata spinta lill-innovazzjoni fl-UE.

Il-promozzjoni tal-aġenda STEM (xjenza, teknoloġija, inġinerija u matematika) fl-edukazzjoni hija kruċjali biex tingħata spinta lill-innovazzjoni,

billi hemm defiċit kroniku ta' inġiniera b'edukazzjoni u ħiliet għolja fis-suq tax-xogħol tal-UE. Ġie rrimarkat ukoll li fattur ieħor li jxekkel l-innovazzjoni fl-Ewropa huwa n-nuqqas ta' aċċettazzjoni ta' falliment. Il-kelliema ddeploraw ukoll l-eċċess ta' burokrazija, speċjalment fir-rigward tal-applikazzjoni għal fondi tal-UE għar-riċerka.

"Cambridge intgħażlet bħala post għal dan l-avveniment minħabba l-preżenza kbira ħafna ta' riċerka u edukazzjoni ta' kwalità għolja; Cambridge hija verament ċentru Ewropew – saħansitra globali – ta' eċċellenza," qalet Brenda King, membru mir-Renju Unit tal-Grupp ta' Min Iħaddem.

Is-seminar kien organizzat mill-Grupp ta' Min Iħaddem tal-KESE, bi sħubija man-Netwerk ta' Cambridge, u kien



akkompanjat minn żjarat ta' studju fil-parks tax-xjenza innovattivi ta' Cambridge.

UE li taħdem għall-ħaddiema: l-alternattiva tagħna għall-Ewroxettiċiżmu u n-nazzjonaliżmu

Mill-Grupp tal-Ĥaddiema

Fil-31 ta' Mejjju 2016, il-Grupp tal-Ĥaddiema organizza laqgħa straordinarja fl-Aja, fil-bini tal-Kunsill Soċjali u Ekonomiku tan-Netherlands (SER). Fost affarijiet oħrajn, din kienet opportunità biex tiġi evalwata l-Prezidenza Netherlandiża tal-UE, li kienet riesqa lejn it-tmiem tagħha.

Wara diskorsi introduttorji mill-President tas-SER Mariëtte Hamer u l-President tal-Grupp tal-Ĥaddiema tal-KESE Gabriele Bischoff, waħda mill-kwistjonijiet ewlenin għad-diskussjoni kienet il-ġejjieni tal-pilastru Ewropew tad-drittijiet soċjali, inizjattiva li dwarha l-Kummissjoni Ewropea reċentement nidiet



konsultazzjoni pubblika. It-trejdunjin jikkunsidraw din l-inizjattiva bħala kruċjali għall-iżvilupp tal-UE fil-konfront ta' xejriet Ewroxettiċi li qed jikkontestaw l-eżistenza tagħha stess.

Is-sessjoni ta' waranofsinar iffukat fuq il-periklu tal-Ewroxettiċiżmu u n-nazzjonaliżmu li qed jikbru, xejriet li ġarrbu n-Netherlands stess waqt ir-referendum Netherlandiż dwar il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Ukraina u l-UE. Ġurnalisti, trejdunjonisti u akkademiċi minn pajjiżi differenti tal-UE ddis-kutew l-effetti ta' dawn il-fenomeni – li jirriskjaw li

jipperikolaw serjament l-acquis soċjali fil-livell nazjonali u Ewropew – fuq id-drittijiet tad-trejdunjin u tal-ħaddiema. L-impatti diġà qed jinħassu f'bosta pajjiżi inkluż fir-Renju Unit, fejn il-gvern qed jipromovi legislażjoni li tmur ħafna kontra t-trejdunjin.

Bħala konklużjoni tal-laqgħa, Gabriele Bischoff enfasizzat li l-Ewropa għandha tippovdi proġett pożittiv għall-ħaddiema u għaċ-ċittadini, u appellat lit-trejdunjin biex jilqgħu lil dawk il-ħaddiema li jħossuhom emarġinati u injorati mill-gruppi politiċi tradizzjonali.

FULJETT ĠDID

Il-prijoritajiet tal-KESE matul il-Prezidenza Slovakka

Fl-1 ta' Lulju, is-Slovakka ser tiegħu l-Prezidenza tal-Kunsill għall-ewwel darba mill-adeżjoni tagħha.

Il-fuljett tal-KESE ppubblikat għal din l-okkażjoni jippreżenta l-prijoritajiet tal-Prezidenza Slovakka, dawk tas-soċjetà ċivili Ewropea, il-membri Slovakk tal-KESE kif ukoll xi informazzjoni bażika dwar is-Slovakka.

Fuljett, 16-il faċċata, EN, FR, DE, SK: <http://www.eesc.europa.eu/?i=portal.en.publications.39747>



Il-migrazzjoni, storja ta' żewġ dinjiet



Luca Jahier, President tal-Grupp ta' Interessi Varji tal-KESE matul il-Forum tal-Midja Globali f'Bonn

Il-KESE fil-Forum tal-Midja Globali tad-Deutsche Welle f'Bonn

Fil-15 ta' Ġunju l-KESE ospita l-panel "Il-migrazzjoni, storja ta' żewġ dinjiet" fil-Forum tal-Midja Globali tad-Deutsche Welle, immoderat minn **Michael Meyer**, eks Direttur tal-Komunikazzjoni ta' Ban Ki-moon. Żewġ refuġjati, **Prince Wale Soniyiki** min-Niġerja u **Suhrab Balkhi** mill-Afganistan, irrakkontaw l-istess ta' qsim il-qalb tal-ħarba tagħhom u ddeskrivew l-ostilitajiet li kkonfrontaw fil-pajjiżi ospitanti tagħhom. Mona Hemmer rrapportat dwar kif il-villaġġ tagħha rnexxielu jilqa' 100 refuġjat Iraqqin u Afgan u kemm

din kienet esperjenza li tarrikkixxi għal kulħadd minkejja d-dubbi inizjali u r-reżistenza.

Alexandra Förderl-Schmid, Kap Editor tal-gazzetta Awstrijaka Der Standard, enfasizzat l-importanza għall-ġurnalisti li jinżamm bilanċ professjonali fir-rapportar dwar it-tema tal-migrazzjoni. "Jeħtieġ li nirrappurtaw dwar stejjer bħalma ddeskrivew Prince u Suhrab, iżda jeħtieġ ukoll li nħarsu lejn l-implikazzjonijiet negattivi li jista' jkollha l-migrazzjoni".

Luca Jahier, President tal-Grupp ta' Interessi Varji tal-KESE, enfasizza li "kienet is-soċjetà ċivili li salvat lill-Ewropa matul il-kriżi tal-migrazzjoni. Il-KESE jixtieq jirribatti l-biżżeġħ ta' dejjem qegħdin jikkru fl-Ewropa bi propositi prattiċi għall-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri, ibbażati fuq il-11-il missjoni ta' għir ta' informazzjoni tagħha fl-Istati Membri tal-UE u fit-Turkija. Apparti l-panel ta' dibattitu, il-Viċi Presiden tal-KESE Gonçalo Lobo-Xavier indirizza l-pjenarja dwar l-implimentazzjoni tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli u r-rwol tal-ekonomija.

Il-President Georges Dassis jiltaqa' mal-President Holland u jniedi appell għal Ewropa aktar b'saħħitha

Nhar l-10 ta' Ġunju, il-President tal-KESE, Georges Dassis, żar l'Élysée fuq stedina tal-President tar-Repubblika Franċiża. Hemm iddefenda l-appell tad-9 ta' Mejju għal rinaxximent Ewropew, ma' tmien firmatarji oħra – Lionel Baier, Mercedes Bresso, Daniel Cohn-Bendit, Guillaume Klossa, Maria João Rodrigues, Roberto Saviano, Gesine Schwan, u Guy Verhofstadt u l-membri tal-KESE Philippe de Buck (Grupp ta' Min Iħaddem).

"Jiena niddependi ħafna mill-appoġġ tal-President François Hollande għall-promozzjoni ta' dawn il-proposti u ninsab kuntent bl-istedina tiegħu, li hija l-bidu ta' moviment usa' ta' diskussjoni u azzjoni fil-livell tal-Kapitjiet ta' Stat u ta' Gvern" enfasizza Georges Dassis. "L-appell huwa ċar: l-interess ġenerali mhux limitat għas-somma totali tal-interessi nazzjonali. Din hija l-konvinzjoni tiegħi,



dik ta' Ewropew impenjat li qed jissielet biex iċ-ċittadini tal-Unjoni joqorbu dejjem aktar lejn xulxin. Il-koll flimkien, bid-diversità tagħna, aħna ser nibnu ġejjieni ta' prosperità u paċi".

Skopri l-KESE bil-logħba "R EU Ready?!"

Il-KESE żviluppa **logħba edukattiva** intitolata "R EU Ready?" li tippermetti liż-zgħażaġh ikollhom ir-rwol ta' membru tal-KESE fi Brussell.



L-għan tal-logħba hu li tqarreb lill-Unjoni - u għalhekk lill-KESE - lejn iċ-ċittadini tagħha, billi tippermettilhom li jitgħallmu b'mod divertenti x'inhil l-UE u l-post li jikkupa l-KESE fi hdnha.

il-paġna **Facebook** iddedikata għaliha (R EU Ready) u fuq is-sit tal-internet tal-KESE (verżjoni elettronika) u tista' titniżżel minn Google Play u App Store.

Din il-logħba edukattiva hi disponibbli **fil-lingwi kollha tal-UE**, fuq

Għal aktar informazzjoni, ikkonsulta l-**fuljett** tagħna: R EU Ready? Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew.

Editur:

Alun Jones (kap editor)
Daniela Marangoni (dm)

Il-kontributuri għal din l-edizzjoni huma:

Caroline Alibert-Deprez (cad)
Cédric Cabanne (cc)
Csilla Gergely (cg)
Chloé Lahousse (cl)
Daniela Marangoni (dm)
Francisco Soriano (fs)
Jonna Pedersen (jp)
Leszek Jarosz (lj)
Margarita Gavanias (mg)
Margarida Reis (mr)
Milen Minchev (mm)
Siana Glouharova (sg)
Silvia M. Aumair (sma)

Coordination:

Agata Berdys (ab)

Edizzjoni magħluqa fl-1 ta' Lulju 2016

Indirizz:

Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Bini Jacques Delors, 99 Rue Belliard, B-1040 Brussell, il-Belġju
Tel. (+32 2) 546.93.96 jew 546.95.86
Faks (+32 2) 546 97 64
Indirizz elettroniku: eescinfo@eesc.europa.eu
Internet: <http://www.eesc.europa.eu/>

Jum Bibien Miftuħa 2016 tal-istituzzjonijiet tal-UE



Fit-28 ta' Mejju, bħall-istituzzjonijiet tal-UE l-oħra, il-KESE fetax il-bibien tiegħu għall-pubbliku. Għoxrin membru tal-KESE u 75 membru tal-persunal laqgħu 2 424 viżitatur li kellhom l-opportunità li jikkellmu mal-membri tal-KESE u jgawdu mill-ħafna attivitajiet tal-familja proposti. It-tema prinċipali ta' din is-sena kienet "**Magħquda fid-diversità**".

Il-viżitaturi ġew mistiedna jivvutaw fuq kwistjonijiet li huma jqisu bħala prijoritarji. L-interess tagħhom kien iffukat fuq **il-kriżi tal-migrazzjoni u l-enerġija**, b'mod partikolari l-ħolqien ta' **Sistema Ewropea Komuni tal-Asil, l-appoġġ lir-refuġjati fil-pajjiżi ġirien fiż-żoni ta' kunflitt, id-definizzjoni tal-politiki ta' integrazzjoni permezz tal-edukazzjoni u t-taħriġ** u,

fil-qasam tal-enerġija, it-twaqqif ta' **sis-tema tal-enerġija b'livell baxx ta' karbonju**.

Il-viżitaturi setgħu jverifikaw l-għarfien tagħhom dwar il-KESE u l-UE u l-għarfien finanzjarju tagħhom permezz ta' "rota tal-fortuna" amministrata minn stand iddedikat għall-ekonomija. Taħt it-tema tal-ambjent, il-kwistjoni tal-obsolezza pjanata għet indirizzata mal-atturi impenjati direttament fuq il-post li wiegħbu l-mistoqsijiet tal-viżitaturi.

Il-membri tal-KESE pparteċipaw ukoll f'bosta avvenimenti organizzati fi bliet Ewropej oħra f'Mejju biex niċċelebraw l-Ewropa – **Pariġi, Budapest, Praga, Ġenova u l-Lussemburgu** – bil-għan li xogħolhom isir aktar magħruf mill-Ewropej.

Il-KESE u s-Soċjetà Ċivili: saqajn l-Ewropa mal-art (agrikola)

Gonçalo Lobo Xavier, il-Viċi President tal-KESE għall-Komunikazzjoni, attenda l-Fiera Annwali Portugiża dwar l-agrikoltura f'Santarém fil-11 ta' Ġunju 2016 u ħa sehem fil-panel **L-importanza tas-soċjetà ċivili fl-Ewropa**, organizzat minn membru tal-Grupp ta' Min Iħaddem Luis Mira, flimkien ma' membru tal-Grupp tal-Ħaddiema João Dias da Silva u s-Segretarju tal-Istat Portugiż għall-Affarijiet Ewropej, Margarida Marques.

jaffettwa organizzazzjonijiet u għaqdiet fil-Portugall.

Gonçalo Lobo Xavier ta ħarsa ġenerali lejn ir-rwol tal-KESE u spjega l-inizjattivi li għaddejjin u l-ħidma li qed issir biex l-importanza tas-soċjetà ċivili organizzata fl-Ewropa tingħata spinta.

Margarida Marques enfasizzat l-importanza li l-Gvern Portugiż jagħti lill-KESE, u ppropniet diversi inizjattivi sabiex tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejniethom, jiġifieri laqgħat f'livell nazzjonali u tal-UE, bil-għan li tingħata vuċi lis-soċjetà ċivili u jgħollu l-profil tagħha għall-pubbliku Portugiż.

Il-kelliema indirizzaw udjenza kbira ta' bdiewa Portugiżi u l-awtoritajiet lokali u taw l-opinjoni tagħhom dwar kif ix-xogħol tagħhom fil-KESE

Laqgħa konġunta f'Porto bejn il-Grupp tal-Komunikazzjoni tal-KESE u l-punti ta' kuntatt

Laqgħa konġunta tal-Grupp tal-Komunikazzjoni tal-KESE u l-punti ta' kuntatt kienet ippreseduta mill-Viċi President tal-KESE Gonçalo Lobo-Xavier u ospitata mis-Sindku ta' Porto, Rui Moreira, fit-2-3 ta' Ġunju 2016,

fil-Portugall, dwar **L-istrateġija dwar il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni**, u Luis Planas, is-Segretarju Ġenerali tal-KESE,



Il-laqgħa bdiet bi preżentazzjoni minn José Manuel Fernandes, ġurnalista li jaħdem għall-gazzetta Portugiża Observador, dwar **Il-mezzi tax-xandir fil-Portugall**, u warajha saru diskorsi minn João Tátá, Kap tar-Rappreżentanza tal-Kummissjoni

dwar **Il-prijoritajiet tal-politika tas-Segretarjat tal-KESE**. L-aġenda kienet tinkludi wkoll panel dwar ir-rwol tal-punti ta' kuntatt għall-komunikazzjoni, fejn il-membri tal-KESE ppreżentaw l-aħjar prattiki.

Ir-riżultat tal-laqgħa kien id-definizzjoni mill-ġdid tal-prijoritajiet ta' komunikazzjoni, fejn l-attenzjoni tmexxiet fuq il-promozzjoni ta' oqsma ta' politika aktar milli fuq l-organizzazzjoni nnifisha u sabiex jintużaw il-possibiltajiet tal-Going Local skont il-linji gwida.

Il-KESE Info hija disponibbli wkoll bi 23 lingwa f'verżjoni PDF mis-sit tal-internet tal-Kumitat: <http://www.eesc.europa.eu/?i=portal.en.eesc-info>

Lulju 2016 / 7

Il-KESE Info tiġi ppubblikata disa' darbiet fis-sena matul is-sessjonijiet plenarji tal-KESE.

Il-verżjonijiet stampati tal-KESE Info bil-Ġermaniż, l-Ingliż u l-Franċiż jistgħu jinkisbu b'xejn mis-servizz tal-Istampa tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew.

Il-KESE Info hija disponibbli wkoll bi 23 lingwa f'verżjoni PDF mis-sit tal-internet tal-Kumitat:

URL: <http://www.eesc.europa.eu/?i=portal.en.eesc-info>

Il-KESE Info ma tistax titqies bħala r-rapport uffiċjali tal-ħidmiet tal-KESE; għal dawn, jekk jogħġbok irreferi għall-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew għal publikazzjonijiet oħrajn tal-Kumitat.

Ir-riproduzzjoni hija permessa jekk KESE Info titniżżel bħala s-sors u tintbagħat kopja lill-editur.

Numru ta' kopji stampati: 5800 copies.

Ħarġa li jmiss: Settembru 2016

STAMPATA FUQ KARTA RIĊIKLATA 100 %



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet